**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2012**

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-KITBA) | IL-ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Marka Totali ______ / **30**

L-Isem u l-Kunjom: ______________________ Il-Klassi: __________

## A. Il-kitba ta' istruzzjonijiet (10 marki)

Int mitlub tikteb **istruzzjonijiet.**

L-istruzzjonijiet tiegħek għandhom ikunu **bejn 50 u 60 kelma.**

**Agħżel** bejn numru 1 u numru 2.

**1. Kif tifrex is-sodda tiegħek**

***jew***

**2. Kif tagħmel ftira biż-żejt**



Dawn il-mistoqsijiet qegħdin biex jgħinuk tikteb l-istruzzjonijiet.

a) X'jeħtieġ li jkollok biex tibda?

b) Xi trid tagħmel l-ewwel?

ċ) Kif tkompli?

d) X'inhi l-aħħar ħaġa li trid tagħmel?

e) Kif tinduna li lest?



**Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-istruzzjonijiet.**

**B. Il-kitba ta' ittra** **(20 marka)**

Agħżel **1** *jew* **2.**

**1. Ikteb ittra liz-zija li toqgħod barra minn Malta biex tgħidilha x'bi ħsiebek tagħmel fil-vaganzi tal-Karnival.**

**L-indirizz tiegħek hu 51, Triq il-Frawli, Naxxar. NXR 1432.**

**Dawn l-ideat jistgħu jgħinuk:**
*Jogħġbok il-Karnival? Bi ħsiebek tilbes xi kostum tal-Karnival? Minn fejn ġibtu l-kostum? X'tara fil-parata tal-Karnival? Semmi xi tradizzjonijiet marbuta ma' din il-festa.*



***Jew***



**2. Ikteb ittra lill-ħabib tiegħek li ma setax jiġi għall-festin t'għeluq sninek. Għidlu x'kellek fil-festin u kemm xtaqt li kien hemm biex jiċċelebra l-jum miegħek.**

**L-indirizz tiegħek hu 52, Triq ir-Rebbiegħa, Valletta. VLT 5820.**

**Dawn l-ideat jistgħu jgħinuk :**
*Staqsih kif inhu u għaliex ma ġiex il-festin. Fejn kien il-festin? X'kellek fil-festin (ikel, attivitajiet, mistieden speċjali)? X'kienet l-iktar ħaġa li għoġbitek fil-festin? Tak xi rigal dan il-ħabib tiegħek? Għaliex xtaqtu li kien hemm miegħek?*

**1. Il-pjan għall-ittra** **(4 marki)**

Ikteb il-pjan għall-ittra li għażilt.

Ittra _________ (Ikteb 1 *jew* 2)

## 2. L-ittra

**(16-il marka)**

Uża l-pjan tiegħek sabiex tikteb l-ittra b'rabta mat-titlu li għażilt.

L-ittra trid tkun **bejn 140 u 200 kelma**.

Ittra _________ (Ikteb 1 *jew* 2)

**TMIEM IL-KARTA**

